# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 277/2017 RM**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2260/17 mibghuta taht l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta p.l.c u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs**

**Norman Seychell (K.I. 27456M)**

**Illum, 12 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Norman Seychell fit-28 ta' Settembru, 2017 fejn ippremetta u talab:-

*"Illi fil-11 ta' Settembru, 2017 l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija.*

*Illi l-esponenti qed jirrespingi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet imressqa fl-imsemmija ittra ufficjali bhala totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:*

- *Qabel xejn l-imsemmija ittra ufficjali hija irrita u nulla stante illi ma tissodisfax ir-rekwizit legali ta' din il-procedura specjali hekk kif stipulat fl-istess artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li tiddikjara x-xorta tad-debitu. Fil-fatt waqt illi d-dikjarazzjoni tghid illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut imbaghad tonqos illi tiddikjara x-xorta ta' l-istess u minflok tghaddi biex taghti deskrizzjoni generika u vaga ghall-ahhar u fost affarijiet ohra tghid hekk:-"u/jew kull hlas iehor skont ir-regolamenti fuq il-provvista ta' l-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura ta' l-ilma, flimkien ma' l-imghax dovut fuq l-Ammont…".*

- *Fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti kollha pretizi mis-socjeta' mittenti huma preskritti.*

*Illi ghalhekk permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qed iressaq l-opposizzjoni tieghu u dana ai termini ta' l-istess artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba mressqa fl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija bhala wahda infondata bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' mittenti minn issa ingunta in subizzjoni."*

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta' intimata Automated Revenue Mangement Services Limited (C46054) fit-30 ta' Ottubru 2017 fejn wiegbet:-

1. *Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ntavolat l-ittra ufficjali li tat bidu ghal din il-procedura f'isimha propju u anke ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u ghalhekk ghandha tigi ndikata bhala, "Automated Revenue Management Services Limited propio, et, nomine.*

2. *Illi kuntrarju ghal dak espost fir-rikors ta' l-imsemmi Norman Seychell, l-ittra ufficjali tghid precizament u taghti indikazzjoni cara tal-pretenzjoni hemm detotta u cioe' tghid, apparti dik is-sentenza komodament estratta mir-rikorrent, li l-ammont dovut jirraprezenta "bilanc dovut ghall-konsum ta' l-ilma u elettriku, kera ta' meter ta' l-ilma u l-elettriku fuq il-provvista…", u tkompli wkoll biex taghti l-indirizz fejn tali servizz kien stallat.*

2. *Illi huwa car li r-rikorrent hu a konoxxenza tal-pretenzjonijiet tal-esponenti tant li meta avvicina lill-istess esponenti f'Marzu ta' dis-sena huwa kien allega, biex jehles mir-responsabbilta', li kien ipprezenta formola ghat-*

*trasferiment tal-kont, liema formola irrizulta li qatt ma giet depozitata ma'-Arms jew ma xi wahda mill-entitajiet l-Enemalta plc jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma.*

4. *Illi ghalhekk tali kont kien u baqa hekk registrat f'isem ir-rikorrenti u ghalhekk responsabbilita' tieghu.*

5. *Illi dan il-kont sallum ghadu attiv u sahansitra minn wara l-ittra ufficjali promotorja l-bilanc tela' ghall-€1,441.07 u ghalhekk zgur ma jistax jinghad li ddekorriet xi preskrizzjoni.*

6. *Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti pro et nomine titlob*

   i. *titlob li din il-Qorti tordna li jigi korrett l-okkju, kif spjegat fuq;*
   ii. *Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti pro et nomine titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 2260/2017 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti."*

Rat illi permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, dan ir-rikors gie assenjat lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti diversament preseduta waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar 2018, gew kjamati fil-kawza Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, liema digriet gie revokat *contrario imperio* b'digriet iehor moghti waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019;

Semghet il-provi, kif ukoll rat ix-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2019;

Rat illi fl-istess udjenza tat-30 ta' Jannar 2019 l-avukat tar-rikorrent irregistra verbal li permezz tieghu iddikjara li l-artikolu relattiv tal-preskrizzjoni eccepita mir-rikorrent fir-rikors promotur, huwa l-Artikolu 2156(f) u (g) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` l-preskrizzjoni tal-hames snin;

Rat illi giet awtorizzata mill-partijiet sabiex taghti l-provvediment finali;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019, wara talba maghmula mir-rikorrent, ordnat li ssir korrezzjoni fl-okkju tar-Rikors promptur billi wara l-kliem "*Automated Revenue Management Services Limited (C-46054)*" jizdiedu l-kliem "*f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta p.l.c u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma*";

Rat illi r-rikors gie mholli ghal-lum ghad-decizjoni;

**<u>PROVI</u>**

**Reuben Bonnici** xehed fl-10 ta' Jannar 2018, u esebixxa kopja tal-kont li hemm pendenti fil-konfront tar-rikorrenti Norman Seychell (Dok. CSH). Esebixxa wkoll kont fil-Liri Maltin li japplika ghall-kontijiet li kienu pendenti qabel inqalbet il-munita ghall-ewro (Dok. CSH1), *statement of account* mahrug f'*Euro Currency* (Dok. CSH2), kif ukoll l-i*statement* mahrug mill-ARMS Limited (Dok. CSH3). Huwa stqarr ukoll[1] illi jrid jaghmel verifiki mill-file li ma kienx jinsab fuqu, dwar kif intbaghat il-kont lil Norman Seychell fl-indirizz 42, Triq San Karlu, Sliema.

[1] Xhieda tat-23 ta' April 2018.

L-istess **Reuben Bonnici** xehed ukoll fit-13 ta' Gunju 2018 fejn spjega illi skont Dok. RB minnu esebit, ARMS Limited ghamlet zmien sal-15 ta' Dicembru 2009 tibghat il-kontijiet taghha flindirizz 492, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera. Tliet ijiem wara inbidel ghal service address u gie 43, Blondell Street, Fgura u mbaghad fis-26 ta' Mejju 2011 inbidel ghal 42, Triq San Karlu, Sliema izda ma jafx kif sar dan it-tibdil.

**Norman Seychell**, ir-rikorrent, xehed nhar it-23 ta' April 2018 fejn qal li hu kien ha l-garaxx numru 43, Triq Blondit, Fgura fis-sena 2000 u telaq mill-użu ta' dan il-garaxx fl-2007. Mistqosi jekk qattx irċieva xi ħaġa mingħand l-ARMS qabel l-ittra uffiċjali qal illi ma jidhirlux. Qal illi f'dan il-garaxx kien hemm dawl u jekk ma kienx sejjer żball anka ilma kien hemm registrat f'ismu. Warajh jaf li kien hemm inkwilina mara u kien mar magħha l-ARMS Limited u ghalkemm iffirmaw xi ħaġa però ma vverifikax jekk il-kont inqalibx minn fuqu għal fuqha minn wara dakinhar. Il-kontijiet fuq dan il-garaxx kien jirċevihom fl-indirizz tiegħu 452, Triq San Ġużepp, Santa Venera.

**Joseph Borg** xehed fis-7 ta' Ottubru 2018 fejn qal illi l-garaxx gewwa 43, Triq Blondell, Fgura huwa proprjeta' tal-kumpanija J.E.M Investments Limited li taghha hu huwa direttur. Qal li dan kien mikri lir-rikorrent Norman Seychell fl-20 ta' Ottubru 2000 sa l-1 ta' Marzu 2007 u li warajh dahlet Cettina Avallone li minghalih toqghod Saint Charles Street Sliema. Ix-xhud qal li kellu nota li Cettina Vallone dahlet fil-kirja fl-1 ta' April 2007 u li ghadha hemm sal-lum. Spjega illi huwa ma jafx x'kien qed jigri bil-kontijiet tad-dawl u ilma u min qed jircivihom u lanqas jaf f'isem min kienu registrati l-arlogg tad-dawl u ta' l-ilma fis-sena 2000, li jigi tmintax–il sena ilu, ghax hu qatt ma accetta li jkollu l-kont fuq ismu u ma jkunx jaf ghand min qeghdin.

Ix-xhud kompla jispjega illi Cettina Avallone nfurmatu li Norman Seychell qabad u taha c-cwievet u mbaghad hi talbet lix-xhud jaccetta lilha bhal inkwilina floku. Hu accettaha u sostna li filwaqt li fuq il-meter tad-dawl u l-ilma Avallone qatt ma kellmitu, qatt ma kellu problemi bil-kera. Qal li l-fond numru 42, St. Charles Street mhijiex proprjeta' tal-kumpanija tieghu; jaf illi l-inwilina tal-garaxx tieghu toqghod hemmhekk izda ma jafx din hix taghha jew mikrija. Qal li l-garaxx huwa proprjeta tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni mahsuba biex tattakka procediment ghall-hlas dovut lil xi dipartiment tal-Gvern skond l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:-

***466.*** *(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku*

*kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

Ir-rikorrent Norman Seychell, bir-rikors tieghu tat-28 ta' Settembru 2017, jikkontesta l-pretensjoni maghmula bis-sahha tal-ittra ufficjali u d-dikjarazzjoni guramentata li gewipprezentati fit-23 ta' Awwissu 2017 ghall-finijiet tal-isemmi Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, mis-socjeta` intimata Automated Revenue Management Services Limited (minn issa 'l quddiem indikata bhala "ARMS Limited") ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

Permezz tal-imsemmija ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata annessa maghha, is-socjeta` intimata talbet minghand Norman Seychell, ir-rikorrent odjern, il-hlas tas-somma ta' elf, tliet mija u tlieta u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€1,333.96), ammont cert, likwidu u dovut rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi, dovut fuq kont bin-numru 101000181024 relatat mal-fond bl-indirizz Garage 43, Triq Blondel, Fgura.

**<u>In-Nullita`</u>**

Illi qabel xejn il-Qorti trid tikkunsidra l-ewwel pregudizzjali sollevat mir-rikorrent fir-rikors promotur, li bih eccepixxa illi l-irritwalita` u nullita` tal-ittra ufficjali bin-numru 2260/17[2], ipprezentata mis-socjeta` ARMS Limited fil-kwalita` taghha premessa, u dan stante illi ma tissodisfax ir-rekwizit legali ta' din il-procedura specjali cioe' li tiddikjara x-xorta tad-debitu. Skont ir-rikorrent, filwaqt illi d-

[2] Datata 23 ta' Awwissu 2017 a fol. 2 tal-atti.

dikjarazzjoni tghid illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, tonqos milli tiddikjara x-xorta ta' l-istess u minflok taghti biss deskrizzjoni generika u vaga ghall-ahhar u fost affarijiet ohra tghid hekk:-*"u/jew kull hlas iehor skont ir-regolamenti fuq il-provvista ta' l-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura ta' l-ilma, flimkien ma' l-imghax dovut fuq l-Ammont…".*

Il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-mod kif inhu mfassal l-ewwel ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur, wiehed jifhem illi hija <u>l-ittra ufficjali u mhux id-dikjarazzjoni mahlufa</u> annessa maghha, li tinsab fil-mira tan-nullita` u irritwalita` eccepita. Izda fil-verita`, il-Ligi fl-Artikolu 466(2) ma tesigix li *ut sic*, l-att gudizzjarju li bih tigi notifikata lid-debitur id-dikjarazzjoni guramentata kontemplata fis-subinciz (1) tal-istess artikolu, jiehu xi forma partikolari jew ikun fih xi htigijiet sostanzjali, purche` dan iservi sabiex jinnotifika lid-debitur bid-dikjarazzjoni mahlufa. Hija appuntu d-dikjarazzjoni mahlufa u <u>mhux l-att gudizzjarju</u> li l-legislatur irid li tkun fiha spjega tax-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur kif ukoll konferma li d-debitu huwa dovut. Konformement, ma jidhrix illi l-eccezzjoni tan-nullita` u irritwalita` tal-ittra ufficjali li anness maghha hemm id-dikjarazzjoni mahlufa prevista mill-Artikolu 466(1), hija f'lokha.

Madanakollu, minkejja dak appena stabbilit, il-Qorti xorta wahda tqis illi ma hemm ebda nullita` fl-ittra ufficjali in kwistjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni guramentata kif allegat mir-rikorrent.

Is-subinciz (1) tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 jipprovdi illi fid-dikjarazzjoni guramentata, il-Kap tad-Dipartiment ghandu jiddikjara (1) xi tkun ix-xorta tad-debitu, (2) l-isem tad-debitur, u (3) jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.

Il-Qorti tifhem illi l-procedura kontemplata fl-imsemmi Artikolu 466 tipprovdi mezz specjali sabiex jingabru l-krediti dovuti lill-Gvern, u bhala procedura

eccezzjonali trid tigi segwita *ad litteram.* Tosserva wkoll illi ghalkemm a differenza ta' dak li jipprovdi, naghtu kaz, l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, l-Artikolu 466 ma jipprovdix illi r-rekwiziti tal-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata huma mehtiega taht piena ta' nullita`, dan ma jfissirx illi l-att ma jistax jigi dikjarat li huwa null. Izda, biex dan isir, irid jintwera illi jsibu riskontru fl-att gudizzjarju relattiv, wiehed jew iktar min-nuqqasijiet ipotetizzati fl-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12. Infatti, ghalkemm ir-rikorrent ma jsemmix taht liema dispozizzjoni tal-ligi huwa qieghed isejjes l-eccezzjoni tieghu tan-nullita` tal-att, wiehed jifhem li din qieghda tistrieh fuq l-Artikolu 789(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jitkellem dwar ksur tal-forma mehtiega, u l-Artikolu 789(1)(d) tal-istess Kap. 12, li jirreferi ghal nuqqas ta' xi partikolarita` espressament mehtiega mil-ligi.

Illi kif ritenut f'numru ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita` ta' att gudizzjarju eccepita taht il-paragrafu (c), u n-nullita` eccepita taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tal-ahhar, l-att gudizzjarju jkun milqut min-nuqqas ta' partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta[3].

Il-kelma "partikolarita`" kif uzata fl-Artikolu 789(1)(d) tirreferi ghall-kontenut tal-att gudizzjarju, cioe` dawk l-elementi essenzjali kollha li l-ligi tippreskrivi, u l-Qorti tifhem illi t-tliet rekwiziti elenkati fis-subinciz (1) tal-Artikolu 466, huwa lkoll rekwiziti essenzjali tad-dikjarazzjoni, oltre li huma wkoll mehtiega b'mod kumulattiv.

[3] Ara, per ezempju, Appell Civili deciz fil-15 ta' Mejju 1943 fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud vs Morana*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.337**). Inoltre, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni tan-nullita` ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-hrug tal-att gudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti mill-ewwel tosserva illi huwa evidenti u indisputabbli li d-dikjarazzjoni mahlufa pprezentata mis-socjeta` ARMS Limited, fiha proprju t-tliet rekwisiti fuq imsemmija li ghandhom ikunu fid-dikjarazzjoni guramentata, u dana kif jidher car minn Dokument A anness mal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awwissu 2017 li biha giet notifikata d-dikjarazzjoni msemmija. Huwa manifest illi x-xorta tad-debitu giet imfissra iktar minn adegwatament meta, kemm fl-att gudizzjarju u kemm fid-dikjarazzjoni mahlufa annessa mieghu, inghad illi l-ammont ta' €1,333.96 jikkonsisti f'*bilanc dovut ghall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees … flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi, dovut fuq kont bin-numru 101000181024 relatat mal-fond bl-indirizz Garage 43, Triq Blondel, Fgura*. Lanqas ma jista' jkun hemm xi dubju illi hemm debitament imsemmi wkoll l-isem tad-debitur u n-numru tal-karta tal-identita` tieghu, kif ukoll li saret konferma li d-debitu huwa dovut.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tirravviza l-ebda nuqqas kwalsiasi, la fil-forma u lanqas fil-partikolaritajiet essenzjali tal-att uzata mis-socjeta` intimata sabiex jirrendi d-debitu li hu jippretendi li r-rikorrenti ghandu jhallsu, wiehed ezekuttiv.

Konsegwentement, din l-ewwel pregudizzjali qed tigi michuda.

## Il-Preskrizzjoni

Permezz tat-tieni pregudizzjali minnu sollevata fir-rikors promotur, ir-rikorrent sostna illi fi kwalunkwe kaz, l-ammonti kollha pretizi mis-socjeta` intimata huma preskritti.

Ghalkemm fir-rikors promotur ma gietx indikata d-dispozizzjoni specifika tal-ligi li tikkontempla l-preskrizzjoni partikolari li giet eccepita, ir-rikorrent tramite l-

avukat tieghu waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar 2019, irregistra s-segwenti dikjarazzjoni:-

"*... l-artikolu koncernanti tal-preskrizzjoni sollevata fir-rikors promotur huwa l-artikolu 2156(f) u (g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-preskrizzjoni tal-hames snin.*"

Huwa pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi jekk ma tigix indikata espressament u b'mod sufficjentement car il-preskrizzjoni eccepita, bl-indikazzjoni tal-artikolu u s-subinciz specifiku, l-eccezzjoni ma ghandhiex tigi kkunsidrata mill-Qorti u ghandha tigi mwarrba[4]. Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tosserva li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ifformulata fir-rikors promotur mhijiex wahedha sufficjenti biex tittiehed konjizzjoni formali tal-eccezzjoni, tqis illi bir-registrazzjoni espressa tal-artikolu specifiku tal-ligi fl-atti tal-kawza, dan in-nuqqas gie rettifikat b'dan illi l-Qorti sejra tghaddi biex tistharreg din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat;

Il-preskrizzjonijiet eccepiti huma s-segwenti:-

**2156***(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

**2156***(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra:*

[4] Vide **Coleiro General Supplies Limited vs Sandringham Limited**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Settembru 2016.

Jinsab pacifikatament ritenut[5] illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva trid tigi deciza skond l-azzjoni li jipproponi l-attur. Ghalhekk, meta l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid tezamina jekk il-preskrizzjoni eccepita hijiex opponibbli ghat-talba u ghall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, ghandha tipprocedi biex tiddetermina d-data li minnha ghandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiza ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) u, f'kaz li l-preskrizzjoni tigi opposta b'allegazzjoni ta' interruzzjoni tat-terminu preskrittiv, jekk dak it-terminu kompjut, giex interrott. Ghandha wkoll tqis jekk il-preskrizzjoni nghatatx effett skont kif provdut mil-ligi skont liema preskrizzjoni tkun giet eccepita.

Fil-kawza **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

"*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*

*(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
*(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
*(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat.*"

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli ghall-azzjoni, m'huwiex kompitu taghha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli,

[5] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.

ghaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[6]. In-natura odjuza tal-istitut tal-preskrizzjoni tesigi wkoll li tinghata interpretazzjoni u tifsira restrittiva ta' din l-eccezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, ghandu jmur kontra l-eccipjenti tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156(f) u (g) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tosserva li l-ammissibilita` taghhom mhux kontestata mis-socjeta` intimata. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) u mhux dawk tas-subinciz (g) ghalkemm entrambi jikkontemplaw il-preskrizzjoni ta' hames snin.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f' isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta vs Emanuel Grixti**, inghad li:-

"*Ibda biex qed jigi osservat illi l-preskrizzjoni sollevata a tenur ta' l-Artikolu 2148 (f) riferibilment "ghall-kera ta' hwejjeg mobbli" ma ticcentra xejn fil-kaz ta' azzjoni ghall-hlas bhal dak pretiz bl-avviz. Hawn si tratta ta' ghoti ta' servizz u l-fatt tal-meter rentals hu biss incidentali ghall-prestazzjoni ta' dak is-servizz. Ara in materja l-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "***John Scicluna nomine -vs- Robert Spiteri***", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Novembru 1992 anke jekk dak il-kaz mhux ezattament identiku, trattasi minn talba ghall-hlas tas-servizz tat-telephone.*"[7]

[6] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.

[7] Ara wkoll **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pro et noe vs Alfred Pisani** – deciza fit-13 ta' Lulju 2010 minn din il-Qorti diversament preseduta, u wara rinviju mill-Qorti tal-Appell, regghet giet deciza fit-23 ta' Mejju 2014 fejn gew affermati l-istess konsiderazzjonijiet dwar preskrizzjoni.

Il-Qorti f'dik is-sentenza qieset li huwa l-Artikolu 2156(f) li japplika fir-rigward ta' kreditu ta' provvista ta' servizz li jissokta u li jemani minn ftehim bil-miktub, billi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jikkonkorru: il-kreditu huwa wiehed naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, liema kreditu la jirrizulta minn xi att pubbliku u lanqas ma jaqa' taht perjodu ta' preskrizzjoni iqsar.

M'hemmx dubju li l-insenjament fis-sentenza appena citata rigward l-applikabbilita` tal-Artikolu 2156(f) jghodd ghall-fattispeci odjerni, u konsegwentement, il-Qorti tqis li huwa proprju l-Artikolu 2156(f) li japplika f'dan il-kaz, pjuttost milli l-Artikolu 2156(g) stante illi l-procedura taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 li qed tigi kontestata f'din l-azzjoni, ma gietx esperita direttament mill-Gvern izda minn socjeta` li nghatat is-setgha li tutilizza wkoll hija stess, bhall-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern, dan il-mezz specjali ta' gbir ta' krediti. Madanakollu, dan ma jfissirx illi l-azzjoni kienet wahda tal-Gvern u billi, kif inhuwa pacifiku, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata tifsira restrittiva b'dan li jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabbilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni[8], il-Qorti tqis illi l-kap tal-preskrizzjoni kontemplat fis-subinciz (g) tal-Artikolu 2156, mhuwiex applikabbli f'dan il-kaz. Wara kollox, il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi[9].

Jonqos ghalhekk li jigi kkunsidrat u determinat jekk l-azzjoni mehuda mis-socjeta` intimata taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 saritx fiz-zmien jew jekk, bhalma qed isostni r-rikorrent odjern, kienx ghalqilha z-zmien utli biex tmexxi kontrih. Izda qabel ma jsir dan l-istharrig, il-Qorti tqis illi huwa neccessarju li jigi stabbilit jekk ir-rikorrent bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, tax effett lill-

[8] Ara fir-rigward: **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta` Ottubru 2004.
[9] Vide: **Gino Vassallo vs Korporazzjoni Enemalta** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2015.

preskrizzjoni minnu eccepita billi segwa l-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Illum dan l-Artikolu jistipola illi:-

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

L-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017, kien diga` fis-sehh fil-forma korrenti tieghu fiz-zmien li giet intavolata l-azzjoni odjerna fit-28 ta' Settembru 2017, u kwindi l-emendi jolqtu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent f'dawn il-proceduri.

Konsegwentement, din il-Qorti trid tara, jekk fid-dawl tal-imsemmija emendi recenti ghall-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, il-konvenut issodisfax il-vot tal-ligi biex jista' jibbenefika mill-preskrizzjoni qasira minnu eccepita. Dan ghaliex bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 li giet fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni partikolari msemmija fl-Artikolu 2160, il-konvenut ghandu minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur. Fi kliem iehor, il-legislatur impona fuq il-konvenut innifsu l-obbligu li jiehu l-gurament, billi nehha minn fuq spallejn l-attur l-obbligu li jaghti huwa stess lill-konvenut il-gurament decizorju, b'dan illi fin-nuqqas li l-konvenut jixhed minn jeddu li mhux debitur, ma jkunx jista' jiehu beneficcju minn din il-preskrizzjoni qasira.

Ikkunsidrat;

Issa f'dan il-kaz il-konvenut xehed minn jeddu fl-udjenza tat-23 ta' April 2018 u qal hekk:-

*"Jien kont hadt il-garaxx numru 43, Triq Blondit, Fgura fis-sena 2000 u tlaqt mill-użu ta' dan il-garaxx fl-2007. Mistoqsi jekk qattx irċevejtx xi ħaġa mingħand l-ARMS qabel l-ittra uffiċjali nghid illi ma jidhirlix.*

*Nghid illi f'dan il-garaxx kien hemm dawl. U jekk miniex sejjer żball anka l-ilma kien hemm. U dana fuq ismi. Warajja naf li kien hemm inkwilina mara u kont mort magħha l-ARMS. Konna ffirmajna xi haga però ma ccekkjajtx jekk inqalibx minn fuqi għal fuqha minn wara dakinhar. Il-kontijiet fuq dan il-garaxx kont nirċevihom fl-indirizz tiegħi 452, Triq San Ġużepp, Santa Venera.*"

Mill-premess, jirrizulta evidentement li ebda wahda minn dawn l-istqarrijiet tar-rikorrent waqt id-depozizzjoni tieghu ma tinkwadrax ruhha fil-formula rikjesta taht l-Artikolu 2160(1). Dan l-Artikolu jiddisponi illi min irid jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjoni brevi taht *inter alia*, l-Artikolu 2156(f), ghandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur[10]. Skont kif gie ritenut fis-sentenza recenti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-import tal-emendi li saru fl-Artikolu 2160[11]:-

*"... l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Minkejja t-tibdil fit-test tal-imsemmi Artikolu 2160 kif fuq inghad, l-osservanza tal-forma tal-gurament baqghet tassattiva, fis-sens li ma huwa permess ebda varjazzjoni minn din il-forma ghall-fini tas-siwi tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Certament mhux bizzejjed li d-debitur jghid biss li ma jiftakarx li rcieva kontijiet minghand l-allegat kreditur jew li jghid li d-dejn huwa preskritt.

[10] Ma jistax jghid lanqas li huwa *ma jiftakarx jekk hallasx jew le* ghaliex gie ritenut li din il-formola tapplika biss ghall-eredi tad-debitur – vide sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955.

[11] **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deciza fis-16 ta' Frar 2018.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi b'applikazzjoni tar-rekwiziti tal-Artikolu 2160 ghall-kaz tal-lum, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi taht l-Artikolu 2156(f) ma nghatatx effett mir-rikorrent u ghalhekk m'ghandhiex l-effikacja mehtiega skont il-ligi biex din il-Qorti tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent.

Ikkunsidrat;

Ghall-bqija, il-Qorti tosserva illi ghalkemm fir-rikors promotur ma gie sollevat formalment ebda pregudizzjali iehor kontra l-kreditu pretiz mis-socjeta` intimata fid-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra ufficjali mibghuta a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, jirrizulta mill-provi illi r-rikorrent jopponi ghall-kreditu pretiz ukoll minhabba li huwa ma ghadux jokkupa l-fond li fih hemm istallat is-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas. Huwa jghid li ghadda fil-pussess ta' dan il-fond lil terzi persuni diversi snin ilu.

Madanakollu, il-Qorti tqis illi f'materji ta' istallazzjoni ta' servizz ta' dawl u ilma gewwa fond, ir-relazzjoni guridika bejn il-fornitur tas-servizz, f'dan il-kaz is-socjeta` intimata, u l-konsumatur registrat, tibqa' fis-sehh bejn l-istess partijiet irrispettivament minn kwalsiasi tibdil *de facto* fil-konsumatur tas-servizz u irrispettivament ukoll minn xi trasferiment tal-pussess jew uzu tal-fond lil terzi, purche` ovvjament, dan ma jsirx tibdil formali tal-konsumatur registrat tas-servizz bil-kunsens tal-fornitur. Dan proprju ghaliex kull trasferiment jew tibdil fil-konsumatur registrat mal-fornitur, li ma jsirx bl-approvazzjoni tal-istess fornitur, ikun *res inter alios acta* ghalih.

Konformement, m'huwiex siewi t-tezi vantat informalment mir-rikorrent illi meta l-konsumatur registrat juri li ghadda lil terz il-pussess tal-fond li fih hemm istallat servizz registrat f'ismu, dan il-konsumatur jinheles mir-rabta kuntrattwali mas-socjeta` intimata u mill-obbligu ghall-hlas tas-servizz. F'dan il-kaz, mill-provi ma jirrizultax illi sar trasferiment formali tas-servizz gewwa l-fond 43, Triq Blondel, Fgura, f'isem it-terz li allegatament dahal fil-pussess tal-fond wara r-rikorrent, izda mill-atti kollox jindika illi s-servizz baqa' registrat f'isem l-istess rikorrent.

In konkluzjoni, il-Qorti tosserva illi minn Dok. CSH3 a fol. 22 jirrizulta illi l-bilanc dovut mir-rikorrent bhala konsumatur registrat tas-servizz, fil-11 ta' Lulju 2017, cioe` immedjatament qabel is-socjeta` intimata pprocediet a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, kien fis-somma ta' €1,333.96 li huwa l-ammont effettivament mitlub mis-socjeta` intimata fid-dikjarazzjoni guramentata mertu tar-rikors promotur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad il-pregudizzjali tan-nullita` tal-ittra ufficjali kif ukoll tal-preskrizzjoni sollevati fir-rikors promotur tat-28 ta' Frar 2017, tichad *in toto* t-talba tar-rikorrent fl-istess rikors promotur bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**